*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 55*

***5.30p.m  17 ta' Jannar 2022***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *55.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

54.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet li tiġi skużata minħabba raġunijiet personali.

## *55.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

55.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 54. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li kien hemm żball fl-ewwel paġna fejn huwa imniżżel sew bħala preżenti u anke assenti b'apoloġij. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

55.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fuq nota pożittiva l-applikazzjoni tal-Kunsill min skema li ħarġet il-LESA ġiet aċċettata. Il-Kunsill kien ressaq il-proposta ta' Dog Park fil-lokalita', fejn dawn huma lesti li jagħtu 80% sa massimu ta' €80,000 ta' fondi. Il-Kunsill jilqa' din l-offerta u ser ikun qed jara biex jibda l-proċess sabiex permezz ta' tender isir dan il-park.

55.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul din il-gimgħa ntbgħatet email uffiċjali mill-Grand Harbour Reċeneration Committee fejn il-Kap Eżekuttiv s-Sur Gino Cauchi jixtieq jiltaqa' mall-Kunsill sabiex jibda proċess ta' konsultazzjoni mall-istakeholders kollha, partikolarment il-Kunsill Lokali tal-Marsa, dwar ir-riġenerazzjoni taż-żona tal-Menqa. Huwa spjega f'dan il-kommunikat li matul din is-sena ser jitlestew il-pjanti sabiex wara dan il-proċess ikun jista' jibda ix-xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li jekk il-Gvern jagħmel investiment fit-toroq, il-privat jibda jinvesti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li huwa jixtieq ħafna din ir-riġenerazzjoni pero huma importanti li l-post kollhu ikun aċċessibli għall-pubbliku u ma jkunx tal-privat. Is-Sindku tenna' li dawn il-mistoqsijiet nistgħu ngħamluhom direttament fil-laqgħa li ser ikollna.

55.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-gimgħa l-oħra l-Kunsill iltaqa' mall-President u s-Segretarju tal-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' fejn ġew diskussjoni temi relevanti f'atmosfera kordjali fejn l-għan prinċipali tagħhom kien propju li xtaqu jiċċaraw punti importanti għalihom dwar dak li ġara fil-festa tal-Akbar Titular.  Il-Kunsill kellu skedat ukoll laqgħa mall-Marsa FC madankollu dawn ma ġewx għall-laqgħa u b'hekk din ma saritx.

## *55.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

55.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li qed jirċievi kritika dwar l-għassa tal-Pulizija hekk kif din tinsab magħluqa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li dawn l-aħħar kellem lis-Supratendent tal-għassa tal-Ħamrun fejn qaltlu li l-korp huwa kommess li jiftaħ l-għassa tal-lokal, madankollu għad hemm xi xogħolijiet li għadhom qed isiru.

55.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li il-flejjes kbar li hemm imsemmija fl-istimi tal-perit huam esaġerati, u jemmen li l-Kunsill jista' jonfoq ħafna nqas hekk kif huwa jara mid-dog park li hemm fl-lokalitajiet oħra madwar Malta. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti minħabba l-prezz għoli tad-dog park fl-istimi tal-perit. Is-Sindku tenna' li l-Kunsill jista' jsir post ieħor aktar adegwat u fl-istess ħin naraw kif innaqsu l-prezz.

55.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Ewro Parlamentari Alex Agius Saliba staqsieħ dwar il-possibilita' li l-Presepju tal-Marsa jistgħax jiġi esebit Brussell fl-2025. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spejga li dan għandhu jkun ta' unur għall-Kunsill minkejja li is-sena ma tkunx f'din il-leġislatura. Il-Kunsillier Spencer qal ukoll li l-presepista Alan Briffa qed jistaqsi jkomplix ikabbar il-presepju. Is-Sindku qal li meta' l-Kunsill ikollu l-istima jkun jista' jmexxi b'deċiżjoni.

55.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jixtieq jfakkar il-memorja tal-ex Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali l-Onor Silvio Parnis, li kien ħadem qatiħ favur il-Kunsilli fosthom il-lokal tal-Marsa. Huwa staqsa jekk tistgħax issir ġabra bejnietna u noffruha lill-martu bħala turija t'apprezzament. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma din il-proposta.

55.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill il-problema tal-iskart fil-lokalita'. Huwa staqsa jekk il-Kunsill huwiex favur għal kif qed titħaddem u jekk il-Kunsill għadux qed iħallas għal dan is-servizz. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li l-Kunsill għadu qed iħallas għal dan is-servizz iżda għad m'għandux dettalji. Huwa jaqbel li s-sitwazzjoni m'hix aċċettabli, madankollu l-Gvern Ċentrali kien ċar sa mill-bidu nett li bdew id-diskussjoniiet qabel din il-leġislatura li l-ġbir tal-iskart domestiku mhux ser jibqa funzjoni tal-Kunsill iżda tar-Reġjun. Il-Kunsillier Debono qal li bħalma l-Kunsill fl-imgħoddi ma ċediex it-tender tad-dawl hekk kellu jsir dwar it-tender tal-ġbir tal-iskart.

55.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill lanqas biss ġie avviċinat bil-kuntratt li għaliħ qiegħed iħallas. Apparti kollox m'hemm imkien legal notice u hemm diversi boroż li qed jinġabru tard anke fit-tmienja ta' billejl u imgeddsin fil-kantunieri. Il-Kunsillier Spencer qal li l-Kunsill ma jistgħax iħallas fuq kuntratt li huwa qatt ma ra u li ma ffirmax għaliħ. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li apparti hekk l-iskart kummerċjali mhux qed jinġabar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li attwalment hemm diskussjonijiet fost l-awtoritajiet kkonċernati dwar kif ser jaqdu l-kumpaniji kummerċjali, u saħaq li filwaqt li veru li saru nuqqasijiet fil-proċess il-Kunsill kien marbut li jkun parti min din il-bidla tant huwa veru li kien hemm ċirkularijiet li jobbligaw lill-Kunsilli Lokali kollha biex it-tender kontrattwali mall-kolletturi tal-iskart ikun jiskadi sas-sena 2022, u fl-ebda stadju l-Kunsill ma setgħa jabdika min din ir-responsabilita' minħabba li din hija l-pożizzjoni tal-Gvern Ċentrali dwar il-ġbir tal-iskart nazzjonali.

55.4.7 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer talab li l-Kunsill jieħu pożizzjoni fuq l-iskart fejn huwa ressaq tlett punti, l-ewwel wieħed, li sall-aħħar tax-xahar ta' Jannar il-Kunsill ikollu l-kuntratt biex dan jiġi approvat. It-tieni punt huwa li l-ħlas tiegħu dejjem jittella' fl-iskeda tal-pagamenti u t-tielet

punt huwa li l-Kunsill irid ikun jaf l-obbligi tiegħu u tal-kuntrattur. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

55.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li bosta huma mbeżża jaqsmu miz-zebra cross fi Triq Isouard u l-ħadid mhux qiegħed sew, u qed jissuġġerixxi li ssir rampa. Apparti hekk il-Kunsillier irrimarka li qed jiżdied is-serq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel mar-rampa u dwar is-sigurta' ser ikellem lill-Pulizija tal-Kommunita'.

55.4.9 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li hemm diversi ħofor f'Marsa Road. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saħaq li l-kuntrattur kien dam ma jibdihom madankollu fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun qed jaħdem fuqhom.

55.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kien ilu jitlob mall-Kunsill biex ikollu kumpanija tal-marketing, huwa qal li kienu bgħatu email il-Kunsill u li l-Kunsill kien bgħatlu lura li m'aħniex interessati. Apparti hekk il-Kunsillier qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina huma nteressati biex jibdew iqassmu flyers li jista' jkollu l-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li jekk ikunu nafu id-dettalji tal-kumpanija inkunu nistgħu nerġaw nagħmlu kuntatt biex naraw anke dwar prezzijiet, u dwar tqassim ta' flyers din tista' titla f'seduta oħra.

## 55.5 *Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

55.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 01/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *55.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

55.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill rċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub biex jiċċara t-talba tiegħu għal estensjoni tal-proġett tad-Day Care Centre għall-Anzjani. Dan hekk kif fil-minuti numru 50 ta' Settembru 2022 hemm miktub li l-Dipartiment qed jitlob il-Kunsill biex issir estensjoni tal-proġett meta fil-fatt huwa l-Kunsill li qed jitlob lid-diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-estensjoni tal-proġett tad-Day Care Centre sa massimu ta' Frar 2024. Il-Kunsill kien ħareġ tender f'April 2022 li għaliħ ma kienx hemm bidders. It-tender reġa' ħareġ f'Ġunju u finalment kien hemm bidder wieħed li wera' interess biex jaħdem dan it-tender. Madankollu, intilef ammont ta' żmien sabiex issir analiżi tal-ispejjeż involuti min naħa tal-perit u li għaliħ il-kuntrattur intalab biex jagħmel klarifikazzjoni dettaljata. Il-Kunsill qiegħed jittama li din l-estensjoni tingħata mill-aktar fis possibli biex jitlesta l-proġett. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *55.7 Attivita' tal-Karnival 2023*

55.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti d-dettalji tal-attivita' tal-Karnival 2023. Il-Kunsillier Spencer spjega li bħal snin ta' qabel il-Kunsill tal-Marsa ser jagħmel l-attivita' tiegħu l-Ħamis 16 ta' Frar, ġurnata qabel il-ftuħ uffiċjali tal-attivitajiet nazzjonali tal-karnival. L-attivita' ser tibda fis-6 ta' filgħaxija u ser ikun hemm baned, żeffiena u sfilata mill-Guggen Band li ser tibda min Triq Isouard u tibqa sejra għal Triq Zerafa kantuniera ma Triq San Tumas. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġeżjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *55.8 Laqgħa Pubblika*

55.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li kif tistipula l-liġi dwar il-Kunsilli Lokali l-Kunsill huwa obbligat jagħmel żewġ laqgħat pubbliċi matul is-sena. Is-Sindku talab lill-dawk preżenti dwar il-possibilita' li l-laqgħa pubblika ssir fit-23 ta' Frar fis-6.30 ta' filgħaxija bis-sehem tas-Supratendent u tal-Pulizija tal-Kommunita'. Wara li kulħadd qabel ma din id-data, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *55.9 Lista ta' Toroq biex isiru Road Humps*

55.9.1 **Is-**Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara konsultazzjoni ma residenti qed iressaq proposta biex jsiru road humps, waħda fi Triq Zerafa kantuniera ma' Triq is-Ssma. Trinita', oħra fi Triq Zerafa kantuniera ma' Triq San Tumas, oħra fi Triq ix-Xwieni u waħda fi Triq Isouard ma' Triq Qormi. Wara li ħadd ma kellu mistoqsijiet dwar dan il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *55.10 Update dwar is-sitwazzjoni tad-demel fil-korsa*

55.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li wara li saru diskussjonijiet bejn il-Ministeru tal-Onoervoli Owen Bonnici, d-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, aħna bħala Kunsill Lokali u l-President ta' dawk li għandhom iż-żwiemel. Hemm qbil li kull remissa tingħata massimu ta' tlett skips, wieħed tal-mixed waste u tnejn għad-demel, b'hekk b'dan il-mod l-iskips li hemm fuq barra ma jkollhomx skop biex jibqgħu barra u l-post jerġa bil-mod il-mod jitnaddaf. Is-Sindku spjega li din is-sistema hija skedata li tibda mill-ewwel ta' Marzu u sadanittant il-kuntrattur ser ikun qed iwaħħal il-kameras. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibilita' li jkun hemm bye law imfassla biex kull remissa tiġi rreġistrata b'mod uffiċjali. Is-Sindku qal li filwaqt li dan huwa fejn irridu bħala Kunsill naslu, mhuwiex iż-żmien opportun għal byelaw hekk kif ma jixtieqx joħloq biża' fost dawk li għandhom ir-remissi propju f'dan l-istadju. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *55.11 Performance bonus tas-Segretarju*

55.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekutiv jingħata l-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favor kien unanimu.

## *55.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

55.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għas-15 ta' Frar fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |